CONFERENTIA
EPISCOPALIS
MELITENSIS

**DIRETTIVI**

Fid-dawl tas-sitwazzjoni maħluqa mill-pandemija tal-Covid-19:

**Il-Ġimgħa Mqaddsa u l-Għid il-Kbir**

Din is-sena, ma jsirux manifestazzjonijiet pubbliċi nhar id-Duluri u tul il-Ġimgħa Mqaddsa, inkluż Ħadd il-Palm, il-Ġimgħa l-Kbira u l-Għid il-Kbir.

Se jintbagħtu direttivi dettaljati rigward iċ-ċelebrazzjonijiet fil-knisja b'rabta mal-Ġimgħa Mqaddsa, fid-dawl tad-digriet maħruġ mill-Kongregazzjoni għall-Kult Divin u d-Dixxiplina tas-Sagramenti rigward il-funzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa.

Il-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira din is-sena ma jsirux. Dejjem jekk is-sitwazzjoni tkun tippermetti f'dak iż-żmien, il-pellegrinaġġ tad-Duluri jista' jsir f'Settembru b'rabta mal-Festa tad-Duluri nhar il-15 ta' Settembru.

**L-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof**

Iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ewwel Tqarbina u tal-Griżma tal-Isqof li kienu ppjanati għal qabel is-sajf 2020 huma posposti għal aktar tard, meta s-sitwazzjoni titjieb u jkun possibbli li jibdew isiru mill-ġdid dawn iċ-ċelebrazzjonijiet.

**Festi**

Il-festi kollha li kienu ppjanati li jsiru fil-parroċċi u fil-knejjes sal-aħħar ta' din is-sena (2020) jistgħu jsiru biss wara li l-awtoritajiet tas-saħħa jkunu taw il-permess li jistgħu jinġabru flimkien nies f'attivitajiet pubbliċi, u f'kull każ, għal din is-sena 2020, isiru biss f'din il-forma:

> Il-Ħadd biss (jew f'Jum ta' festa pubblika) isir pellegrinaġġ ta' talb u ringrazzjament bil-vara meqjuma f'dik il-festa.
>
> Dakinhar issir ukoll quddiesa tal-festa fil-knisja.
>
> Ma jkunx hemm ċelebrazzjonijiet oħra interni jew esterni.

Aktar dettalji jingħataw skont kif tiżviluppa s-sitwazzjoni.

Nitolbu biex il-Mulej iżommna dejjem taħt il-ħarsien tiegħu.

Maħruġa mis-Sede tal-Konferenza Episkopali Maltija, il-Furjana, illum 24 ta' Marzu 2020.

✠ **Charles Jude Scicluna**
Arċisqof ta' Malta
President,
Konferenza Episkopali Maltija

✠ **Mario Grech**
Amministratur Appostoliku ta' Għawdex

✠ **Joseph Galea-Curmi**
Isqof Awżiljarju ta' Malta

Fr Jimmy Bonnici
Segretarju,
Konferenza Episkopali Maltija